**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- HAMIS 10 TA' JANNAR, 2001**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 532/01 JB**

**Lloyds (Malta) fil-kwalita taghha ta' rappresentanti ex lege tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw is-sindikati ta' Lloyds kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Carmel Micallef u l-istess Carmel Micallef**

**vs**

**Giselle Borg Olivier**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' (Lm472.16c) erbgha mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sittax –il centezmi danni kkagunati mill-

konvenuta f' incident awtomobilistiku illi sehh fis- 16 ta' Jannar 2001 gewwa Triq it-Torri, Sliema bejn il-vettura tal-marka Subaru J10, bin-numru ta' registrazzjoni CBA 204, koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" misjuqa minn Anita Micallef, u l-vettura tad-ditta Fiat Cinquecento bin-numru ta' registrazzjoni LAE 442 proprjeta ta' Marisa Borg Oliver u misjuqa minn Giselle Borg Olivier u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' erbgha mija u tnejn u sebghin liri Maltin, sittax-il centezmi (Lm472.16c) kif jidher f' Dok A jew somma verjuri illi tigi likwidata bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

Tikkundanna l-konvenuta thalas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Carmelo Micallef is-somma ta' erbgha mija u tmintax-il lira Maltin, wiehed u erbghin centemi (Lm418.41c) u s-somma ta' tlieta u hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm53.75c) rispettivament jew sommon verjuri illi jigu likwidati minn dana t-Tribunal in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u tal-ittra bonarja tat- 12 ta' Marzu 2001 (Lm4.85c), tal-ittra ufficjali tal- 4 ta' Mejju 2001 flimkien man-nota tal-ismijiet tal-istess data (Lm21.50c) u tan-Nota tal-ismijiet pprezentata kontestwalment ma dana l-avviz u tal-ittra ufficjali

pprezentata kontestwalment a tenur tal-Kapitolu 104, flimkien man-nota bl-ismijiet tas-sindikati pprezentata ma' dik l-ittra, bl-imghax legali mill-4 ta' Mejju 2001 jew data ohra stabbilita appozitament minn dana t-Tribunal sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija taghha, izda gara unikament tort ta' Anita Micallef li waqt li kienet qed issuq il-vettura numru CBA 204 ippruvat tissporpassa il-vettura tal-konvenuta meta dina kienet qed tidhol go parking space bir-rivers. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenuta, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Ikkunsidra

Din il-kollizzjoni si tratta f' incident li setgha facilment jigi evitat miz-zewg sewwieqa. Issucceda f' arterja principali ta' traffiku li tirrikjedi ftit pacenzja f' din il-manuvra sabiex precizament ma jkunx kreazzjoni inutli ta' incident simili. Bi sforz minimu ta' attenzjoni, it-Tribunal huwa zgur li dan l-incident ma kienx isehh.

Is-sewwieqa tal-vettura tal-attur assigurata mas-socjeta attrici kienet tiela it-telgha u riedet tipparkja billi tadopera l-manuvra tar-rivers u tmur fuq ix-xellug. Da parti taghha, il-

konvenut kienet gejja minn warajha u riedet tibqa' sejra fid-dritt, pero' bid-differenza li kien ikollha tadopera manuvra ta' sorpass tal-vettura ta' quddiemha.

L-Art. 200-204 tal- Highway Code jistipula l-procedura tar-rivers. Dik tas-sorpass hija kontenuta fl-Art. 182-185. Huwa skoncernati li z-zewg sewwieqa naqsu li jaderixxu ruhhom ma' dawn il-mizuri intizi specifikament biex jevitaw okkorenza ta' incidenti simili. Huwa ovvju li dawn ma gewx segwiti. Is-sewwieqa tal-vettura li kienet gejja b'lura ossia l-konvenuta kienet aktar f'mohha biex xi hadd ma johdilhiex il-post tal-parkeggjar - kwazi mpossibbli li ssib wiehed hemm. Tefghet l-oneru fuq ta' warajjha billi na tatx kaz li ma tikkostitwix ruhha ta' periklu ghall- utenti l-ohra tat-triq. Mentri s-sewwieqa tal-vettura tal-attur ippruvat tissorpassa meta kien ovvju x' riedet taghmel il-konvenuta. Li gara huwa li ebda parti ma qadet tistenna lil xulxin. Tefghu l-oneru fuq il-parti l-ohra. Huwa ghalhekk opportun u ekwu li r-responsabilita' tigi spartita bejniethom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lil Anita Micallef u l-konvenuta ugwalment responsabbli ghall-incident de quo. Billi d-danni reklamati mill-atturi ma gew kontradetti, tikkundanna lil konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm236.08c (mitejn u sitta u tlettin lira Maltin u tmien centezmi), bl-interessi mid-data tal-prezentanta ossia 16 ta' Lulju, 2001 u bil-kap tal-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**

**Gudikatur**